MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 920/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**EMANUEL TABONE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Tabone ta' 52 sena, bin Francis u Catherine nee' Mifsud, imwieled Qormi fit-18 ta' Gunju, 1957, residenti f'59, Triq il-Kuncizzjoni, Qormi, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 409457(M);

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta' Awissu 2008 u x-xahar ta' Dicembru 2008, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' ghoxrin elf u mitejn ewro (€20,200) ghad-dannu ta' Clyde Cutajar minn Hal Qormi;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, l-ammont ta' ghoxrin elf u mitejn ewro (€20,200) ghad-dannu ta' Clyde Cutajar minn Hal-Qormi, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u li jinsabu a. fol. 42 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-artikoli 308, 309, 310(a), 18, 310(b), 293 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Tabone, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Emanuel Tabone ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Emanuel Tabone jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Tabone l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------